MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2012

Citazzjoni Numru. 242/2010

Kawza fil-lista: 49

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ppremetta: li l-partijiet izzewgu fil-15 ta’ Settembru 1990 u f’dan iz-zwieg twieled tifel wiehed; li l-kunsens matrimonjali tal-intimata kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [c] u [d] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta; li ghalhekk iz-zwieg huwa null fil-ligi; ghalhekk qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet, kif ukoll li jigi awtorizzat jirregistra s-sentenza fir-Registru Pubbliku; bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li biha teccepixxi li hi m'ghandiex responsabbilita' ghan-nullita';

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

**Ikkunsidrat;**

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fil-15 ta' Settembru 1990 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-intimata kien vizzjat fit-termini tad-dispozizzjonijiet tal-ligi fuq citati.

Minn naha taghha l-konvenuta qed tikkontesta l-htija.

**Il-Fatti**

Il-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu.

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fil-15 ta' Settembru 1990 meta allura l-attur kellu 26 sena u l-konvenuta kellha 22 sena, u wara li kienu ilhom johrogu flimkien circa 7 snin u nofs. Minn dana z-zwieg twieled tifel wiehed.

Illi l-attur issostni li l-partijiet kellhom relazzjonijiet intimi sa minn qabel iz-zwieg li pero' kienu problematici minhabba li l-istess attur kien ihoss li l-konvenuta "*m'hiex qed taghmel xi haga minn jeddha jew thossha naturali*"[1]. L-attur ikompli jispjega li dawn il-problemi fil-hajja intima taghhom komplew anke wara z-zwieg meta huwa kien jahseb li, meta jizzewgu, l-konvenuta tbiddel l-attitudni taghha f'dan ir-rigward u ma tibqax thares lejn dan l-aspett tar-relazzjoni taghhom bhala xi haga ta' bilfors jew biex takkuntenta lilu. Waqt iz-zwieg, kif ukoll qabel, l-attur issostni li kien hu li dejjem fittex lill-konvenuta sabiex ikunu intimi u gieli kienet tirrifjutah, sahhansitra waslu f'punt li dan kien isir bl-appuntament "*u gieli l-*

[1] Vide a fol. 23 tal-process.

*appuntamenti waqghu u jghaddu xahar*"[2]. Ghalhekk l-attur hass li mhux talli dan l-aspett ma mmeljorax fiz-zwieg izda mar ghall-aghar.

Il-konvenuta da parti taghha ssostni li l-attur ma baqax iffitixha sesswalment minhabba l-fatt li hija kellha bzonn taghmel operazjoni u kien jghidilha li qed tittrazmettielu l-mard. Il-konvenuta tkompli wkoll biex tghid li l-attur kellu terza persuna involuta[3].

Illi rrizulta kemm mix-xhieda ta' l-attur[4], mir-rapport tal-Pulizija[5], kif ukoll mix-xhieda tal-konvenuta[6] li l-istess konvenuta kienet ikkontemplat suwicidju. Sussegwentement ghal dan kien hemm ukoll incident iehor simili dina d-darba fil-Belt li jikkonfermaw il-partijiet[7].

Minn naha taghha l-konvenuta tghid li l-attur kien dejjem jikkontrollaha f'dak li ghandu x'jaqsam ma' flus sahhansitra kien jitlobha l-ircevuti ta' dak li kienet tixtri sabiex iqabbilhom ma' dak li kien jghaddilha fil-gimgha. Iz-zewg partijiet isosstnu li l-attur kien jahdem hafna sakemm kellu incident li ma ppermettilhux li jkompli jahdem b'dak ir-ritmu u ghalhekk il-problema finanzjarja zdiedet peress li l-qliegh naqas, hawn ukoll jidher li l-problemi kibru.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi f' dan il-kaz il-Qorti tirravviza fil-konfront taz-zewg partijiet l-*caput nullitatis* kontemplat f'paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat. Ir-rilutanza tal-konvenuta biex taghmel l-att taz-zwieg ma' zewgha, kien ta' impediment serju sabiex il-partijiet jizviluppaw bejniethom komunjoni ta' mhabba u hajja. Minn naha tieghu l-attur kien jaf b' din il-problema qabel iz-zwieg, izda xorta wahda ghaddas rasu u baqa' ghaddej bil-pass ta' zwieg; u ghalhekk huwa wera

2 Vide a fol. 24 tal-process.
3 Vide a fol. 66 tal-process.
4 Vide a fol. 32 tal-process.
5 Vide a fol. 48 et seq. tal-process.
6 Vide a fol. 67 tal-process.
7 Vide a fol. 35 u 67 tal-process.

nuqqas ta' gharfien ta' l-import tal-hajja konjugali tal-konvenuta.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt, u jimmeritaw li jigu milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fil-15 ta' Settembru 1990.

L-ispejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------